**6 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Godfrey Debattista *pro noe*

*versus*

Dr. Anthony Cutajar *et noe*

**Separazzjoni Personali - Kuntratt ta' - Varjazzjoni ta'**

*Il-Qorti varjat it-termini ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali kwantu għall-kura u kustodja ta' minorenni għaliex irriżultalha illi dan kien fl-aħjar interess tal-minorenni.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-12 ta' Settembru, 1995 li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta li hu żżewweġ lill-konvenuta fid-29 ta' Marzu, 1986 f'Dudley, l-Ingilterra; illi l-koppja stabbilit ir-residenza tagħha hawn Malta, minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, li huma Jon Paul ta' tmien snin u Stefan ta' tliet snin; illi l-konjuġi Debattista sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ddatat 6 ta' April, 1993, fl-atti Nutar Marco Burlò; illi sussegwentement il-konvenuta ottjeniet id-divorzju minn ma' żewġha fil-25 ta' Marzu, 1994 skond il-petizzjoni u digriet annessi; illi skond il-klawsola 2 ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni, il-kura u kustodja taż-żewġ minuri ġiet fdata liż-żewġ partijiet u filwaqt illi l-minuri kellhom jirrisjedu mal-konvenuta, l-attur kellu drittijiet ta' aċċess billi kienu jqattgħu il-vaganzi tas-sajf miegħu hawn Malta; illi dan is-sajf il-minuri Jon Paul ġie jirrisjedi hawn Malta ma' l-attur u żvela lill-missieru illi fid-dar ta' ommu kien qed jiġi msawwat mill-*partner* t'ommu li jgħix magħha u illi, wara l-vaganzi, ma riedx jirritorna m'ommu; illi l-*partner* t'ommu huwa allegatament raġel vjolenti u saħansitra kien il-ħabs fuq ġlied u mhuwiex fl-aħjar interess tal-minuri li

jibqa' jirrisjedi m'ommu u din il-vjolenza fuqu jista' jkollha konsegwenzi koroh fil-futur; illi l-attur mill-ewwel ħa lit-tifel minuri Jon Paul għand psikjatra sabiex jiġi nvistat u ġie rilaxxat rapport, Dok F; talab lil din il-Qorti:

Tvarja l-kuntratt ta' separazzjoni ddatat 6 ta' April, 1993 konkluż bejn il-partijiet fis-sens illi tafda esklussivament il-kura u l-kustodja tal-minuri Jon Paul lill-attur u tordna illi l-istess minuri jirrisjedi ma' l-attur taħt dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xieraq;

Bl-ispejjeż inklużi dawk għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-istess konvenuta, kontra l-konvenuta li minn issa tibqa' nġunta għas-subizzjoni tagħha

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-attur;

Rat in-nota ta' Dr. Philip Manduca ta' l-24 ta' Ottubru, 1995 li permezz tagħha, bħala mandatarju speċjali tal-konvenuta, assuma l-atti f'isimha;

Rat id-digriet tagħha ta' l-1 ta' Novembru, 1995 li permezz tiegħu ġie maħtur Dr. Peter Muscat bħala espert mediku sabiex jeżamina lill-minuri Jon Paul Debattista a spejjeż provviżorjament ta' l-attur;

Rat in-nota ta' Dr. Philip Manduca *nomine* ppreżentata fis-7 ta' Novembru, 1995 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-attur qiegħed jitlob li din il-Qorti tvarja l-kuntratt ta' separazzjoni ppublikat min-Nutar Pubbliku fis-6 ta' April, 1993

fis-sens illi l-Qorti tafda lill-attur esklussivament il-kura u l-kustodja tal-minuri Jon Paul Debattista meta dan mhux fl-interess tat-tifel minuri. Illi huwa fl-interess tat-tifel minuri li jerġa' jmur id-dar ta' ommu l-Ingilterra fejn kien qed joqgħod ma' ħuh Stefan u kien qiegħed jattendi l-iskola;

Illi l-partijiet kienu ffirmaw l-istess kuntratt pubbliku ta' separazzjoni u fost il-kundizzjonijiet ta' l-istess kien hemm li t-tfal tagħhom Jon Paul u Stefan joqgħodu ma' ommhom fl-Ingilterra u għalkemm l-attur kellu d-dritt li jġibhom Malta għal vaganzi kien espressament marbut li *in all cases, must* (it-tfal) *be taken back to the wife in the United Kingdom (UK) in time for the recommencement of school*";

Illi f'dan il-każ l-attur naqas li jaġixxi skond l-istess kuntratt pubbliku u naqas li jibgħat lil Jon Paul lura għall-iskola u għalhekk Ann Debattista l-ewwel kelmitu, imbagħad permezz ta' l-Avukat tagħha, talbet uffiċjalment li hu jaġixxi skond il-ftehim. Kien wara li l-attur kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt li ddeċida li jippreżenta ċitazzjoni fejn qiegħed jitlob li l-Qorti tvarja l-kuntratt. Għalhekk, ukoll it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda;

Illi, inoltre, l-allegazzjonijiet magħmula mill-attur huma kollha inveritieri u magħmula sabiex jgħattu l-*malafede* tiegħu li ħa l-liġi b'idejh u issa qiegħed jitlob il-protezzjoni tagħha;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat id-digriet tagħha ta' l-1 ta' Novembru, 1995 li permezz tiegħu ġie maħtur Dr. Peter Muscat sabiex jeżamina lill-minuri Jon Paul Debattista fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

Rat ir-rapport ta' l-istess espert mediku maħluf fis-26 ta'

Frar, 1996 u dak sussegwenti maħluf fil-31 ta' Jannar, 1997;

Semgħet lill-attur u xiehda minnu prodotti. Ħadet ukoll konjizzjoni tal-provi prodotti mill-konvenuta fil-kawża Ċitaz. Nru. 1261/95 pendenti quddiem din l-istess Qorti liema proċeduri ġew istitwiti mill-konvenuta odjerna kif debitament rappreżentata. Ħadet konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tan-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Marzu, 1997 meta l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza;

Ittrattat il-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Marco Burlò fis-6 ta' April, 1993 il-konjuġi Debattista tterminaw l-obbligu ta' koabitazzjoni naxxenti miż-żwieġ tagħhom iċċelebrat l-Ingilterra fid-29 ta' Marzu, 1986 għar-raġunijiet hemm indikati;

Illi minn dan iż-żwieġ kienu twieldu żewġt itfal Stefan li dak in-nhar kellu ħdax il-xahar u Jon Paul li fid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt kellu ħames snin;

Illi in forza tal-klawsola numru 2 ta' l-imsemmi kuntratt il-partijiet ftehmu: "*that the children shall be entrusted and placed in their joint custody*". Inoltre, l-attur iddikjara li kien qed jaqbel "*that the children shall be residing in England with the wife at her place of residence*". Da parti tagħha l-konvenuta intrabtet "*to allow the husband to have access to the children during school holidays. Such access shall include the right to bring the children over to Malta at the husband's own expense*".

F'Malta dawn it-tfal kellhom jabitaw fir-residenza ta' missierhom, iżda l-attur kien obbligat li jirritornahom l-Ingilterra "*in time for the recommencement of school*";

Wara li ġie ppubblikat dan il-kuntratt, il-konvenuta, flimkien ma' uliedha bdiet tirrisjedi l-Ingilterra u l-attur beda jmur hemm ta' spiss biex jara lill-uliedu u anke jġib lill-ibnu Jon Paul hawn Malta;

Ftit wara s-separazzjoni, u ċjoè fit-8 ta' Lulju, 1993, il-konvenuta ppreżentata proċeduri fid-Dudley County Court, l-Ingilterra, fejn talbet li ż-żwieġ tagħha ma' l-attur jiġi ddikjarat xolt u sabiex il-Qorti tipprovdi fuq xi talbiet oħra. Din it-talba ġiet milqugħa b'digriet ta' l-istess Qorti tal-25 ta' Marzu, 1994;

Illi fis-sajf tas-sena 1995, kif prevvist fil-kuntratt ta' separazzjoni, Jon Paul Debattista ġie hawn Malta jqatta' l-vaganzi tas-sajf ma' missieru. Iżda meta ġie biex jirritorna lejn l-Ingilterra dan wera retiċenza u spjega lill-misieru li ma xtaqx imur lura l-Ingilterra minħabba t-trattament ħażin li kien qed jirċievi sew minn ommu kif ukoll minn ħabib ta' ommu li kien jabita fl-istess dar;

L-attur għalhekk issottometta lill-ibnu għall-eżami psikjatriku għand ċertu Dr. Saliba u billi ħass li kien fl-aħjar interess tal-minuri rrifjuta li jibgħatu l-Ingilterra. Sussegwentement ġew istitwiti dawn il-proċeduri sabiex jiġi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni senjatament fejn dan jitkellem dwar il-kustodja ta' Jon Paul Debattista;

Illi da parti tagħha l-konvenuta qed tiċħad l-allegazzjonijiet ta' l-attur u ssostni li dawn saru biss biex jgħattu l-*malafede* tiegħu meta, kontra dak kollu li jipprovdi l-kuntratt ta' separazzjoni, ħa l-liġi b'idjeh u ma rritornax lill-

ibnu kif kien obbligat skond il-kuntratt;

Ikkunsidrat:

Illi f'materja ta' kustodja ta' ulied minuri l-prinċipju li għandu jiggwida l-Qorti huwa l-ġid tat-tfal. Dan sew fil-każ li tali kustodja tkun ordnata minn Qorti b'sentenza sew jekk tali kustodja tkun ġiet miftehma bejn il-partijiet u redatta, bil-kunsens tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Infatti, dan hu rifless fl-artikoli 56, 60 u 61 tal-Kodiċi Ċivili li jintitolaw lill-Qorti li f'kull żmien, għall-aħjar tat-tfal, tħassar jew tbiddel l-ordnijiet li tkun tat dwarhom, jew li tannulla kull ftehim li jkun intlaħaq bejn il-partijiet;

Għalhekk la f'sentenza u lanqas f'kuntratt ma hemm xejn sagrosant u finali meta l-interess superjuri tat-tfal jitlob l-intervent tal-Qorti;

Illi fil-każ in eżami l-kustodja ta' Jon Paul Debattista, kif ukoll dik ta' ħuh Stefan, ġiet fdata f'idejn il-missier u l-omm b'*joint custody*. Jiġifieri proprjament kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta, bħala ġenituri tal-minuri għandhom id-dritt u l-obbligu li jmantnu u jedukaw lill-uliedhom minuri. Biss, minħabba ċ-ċirkostanzi speċjali, billi l-omm hija ta' nazzjonalità Ingliża u tirrisjedi l-Ingilterra, ċjoè il-bogħod minn missier l-ulied, li jirrisjedi hawn Malta, u anke minħabba raġunijiet ta' edukazzjoni u forsi raġunijiet oħra li ma ġewx indikati fil-kuntratt ta' separazzjoni, ġie miftiehem li l-ulied komuni għandhom jirrisjedu ma' ommhom l-Ingilterra u l-missier ikollu d-dritt ta' aċċess matul il-vaganzi ta' l-iskola bid-dritt ulterjuri li jġib lill-uliedu Malta f'dawn il-perijodi;

Għal ċertu żmien hekk ġara iżda wara s-sajf ta' l-1995, l-

attur naqas li jottempera ruħu ma' dak li hemm ipprovdut fil-kuntratt ta' separazzjoni u, wara li żamm lill-ibnu Jon Paul hawn Malta, talab li jiġi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni fis-sens li hu jiġi fdat bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri Jon Paul u li l-Qorti tordna ukoll li l-istess minuri jirrisjedi miegħu;

Ikkunsidrat:

Illi għalkemm din il-Qorti għandha l-fakoltà li tvarja kwalunkwe provvediment jew ftehim dwar kustodja tat-tfal, dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat b'ċerta riservatezza billi dak li ġie deċiż jew li ġie miftiehem m'għandux jitwarrab b'mod leġġer. Wara kollox il-Qorti li tkun, b'sentenza, ipprovdiet dwar il-kura u l-kustodja ta' l-ulied, tkun għamlet hekk wara d-debita konsiderazzjoni u valutazzjoni taċ-ċirkostanzi kollha li jkunu nġiebu quddiemha. Daqstant ftehim ma għandux jiġi ddisturbat b'mod leġġer billi dan jirrifletti l-volontà tal-ġenituri kontraenti li wara kollox hu preżunt li għandhom l-interess ewlieni ta' uliehdom. Talba simili, għalhekk, trid tiġi eżaminata sewwa partikolarment meta tali talba tkun magħmula sabiex it-tfal jittieħdu minn taħt idejn l-omm li tkun ġiet fdata bil-kura u kustodja tagħhom billi hu preżunt li l-omm dejjem tieħu ħsieb uliedha anke a diskapitu tagħha nfisha;

Ikkunsidrat:

L-attur, korroborat f'ċerti ċirkostanzi mportanti mit-tieni mara tiegħu Caroline, xehed hekk:

*"Two days prior to his departure he (Jon Paul) asked me to stay another week as he was unhappy to go back. I changed the ticket and informed Michelle who was angry however I insisted as Jon Paul wanted to stay. A couple of days before he*

*had to leave he confided with my second wife that he was scared of going back to his mother as her boyfriend was violent towards him and his brother and used to get drunk frequently and continuously fight with Michelle. He started crying and pleading with me not to send him back. I was naturally shocked and immediately decided to keep him in Malta*";

Caroline Debattista, mart l-attur, ikkonfermat li Jon Paul kien qalla dan id-diskors u li hi rripetietu lil żewġha u dan iddeċida li jżomm lill-ibnu hawn Malta;

L-istess Jon Paul f'dikajrazzjoni spontanja li għamel quddiem l-espert mediku Dr. Peter Muscat, irrivela inċidenti ta' swat, kif ukoll okkażjonijiet ta' sakra u atteġġjament u kliem offensiv da parti tal-*boyfriend* ta' ommu. Hu qal ukoll li kien nieqes minn ċerti affarijiet filwaqt li ommu u l-ħabib tagħha kienu jixorbu regolarment u jixtru affartijiet ta' ċertu valur għalihom;

Il-konvenuta ippreżentat affidavit fil-kawża fl-ismijiet inversi u anke sar il-kontro-eżami tagħha. Minn din ix-xhieda jirriżulta li l-konvenuta qed tiċħad kategorikament l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tagħha u li effettivament il-minuri Jon Paul kien qed jgħix ħajja kuntenta l-Ingilterra ma' ommu u anke meta din kienet tiffrekwenta lill-*boyfriend* tagħha. Il-konvenuta in sostenn ta' dan ippreżentat diversi dokumenti rilaxxati minn tobba u edukaturi li juri li dan binha kien tifel kuntent u li kien assimila ruħu sewwa fil-ħajja fil-pajjiż fejn kien qed jgħix. Inoltre, l-istess konvenuta sostniet li hi ma għadhiex tara lis-Sur Maxwell b'mod regolari. Donnu b'dan il-mod riedet twarrab kull xorta ta' xkiel li seta' kien hemm għar-ritorn ta' binha l-Ingilterra. Iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-istess dikjarazzjoni tammonta għall-ammissjoni indiretta li l-affarijiet ma kinux sejrin tant tajjeb daqskemm tallega l-istess

konvenuta;

Illi rinfaċċata b'dawn il-versjonijiet konfliġġenti din il-Qorti għandha bilfors tirrikorri għal parir ta' espert in materja li, wara li jkun eżamina lill-istess minuri, jindika lil din il-Qorti l-aħjar triq sabiex jitħarsu d-drittijiet u l-interessi ta' l-istess minuri;

Kien għalhekk illi b'ordni ta' din il-Qorti l-minuri Jon Paul ġie sottopost għal eżami psikjatriku minn Dr. Peter Muscat sabiex dan jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u senjatament jekk kienx fl-interess tal-minuri Jon Paul li jerġa' jintbagħat lura lejn l-Ingilterra biex jerġa' jibda jabita ma' ommu, il-konvenuta;

Dr. Peter Muscat kellem lill-minuri waħdu fil-klinika tiegħu u anness mar-rapport ta' l-istess psikjatra hemm traskrizzjoni *verbatim* tad-dikjarazzjoni ta' l-istess Jon Paul;

Wara dan l-eżami Dr. Muscat wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

Il-minuri Jon Paul huwa tifel ta' intelliġenza normali;

Hu jinsab kuntent jgħix Malta ma' missieru;

Hu jippreferi jgħix ma' missieru milli ma' ommu għax magħha jħossu mdejjaq minħabba l-ħabib tagħha William Maxwell li jittratta mhux biss lilu ħażin, imma ukoll lil ħuh u lil ommu;

Hu għandu anzjetà li jekk jirritorna għand ommu, mhux sejjer jiġi trattat sew minnha għax skond hu hi żżomm mal-

ħabib tagħha u ma twaqqfux meta jsawtu. Lill-ommu ma jafdahix;

Għandu biża' u anzjetà ukoll dovuta għall-allegazzjonijiet li għamel dwar il-ħabib ta' ommu li ta' spiss ikun fis-sakra u li spiss ikun aggressiv, juża kliem oxxen u li joffendih. Iħoss li kif jikkorreġih missieru huwa ferm aħjar mill-mod ta' ommu jew tal-ħabib tagħha;

Hu jinsab ferħan bil-ħabiba ta' missieru u jgħid li hi tittrattah sew u li hi bniedma dħulija;

Jon Paul issa jinsab integrat sewwa fl-iskola primarja ta' San Pawl il-Baħar;

Il-biża li jirritorna iġġiegħlu jaħseb li jkollu jaħrab u din tnissel aktar biża' peress li għadu żgħir u għalhekk jgħid li jixtieq jara lill-ommu meta jkun akbar;

Minkejja li jħoss in-nuqqas ta' ħuh, xorta waħda ma jridx jirritorna għax jinstab imbeżża' minn x'hix jista' jiġrilu;

Jon Paul jinstab isofri minn *phobic anxiety state* lejn it-trobbija ta' ommu;

Minn dawn il-kostatazzjonijiet jidher li Jon Paul Debattista illum jinstab integrat fis-soċjetà Maltija u jifforma parti integrali minn nukleju familjari fformat minn missieru u t-tieni mara tiegħu. Hu ma jixtieqx imur lura lejn l-Ingilterra minħabba l-attitudini lejh u lejn ħuh tal-ħabib ta' ommu u anke minħabba t-trobbija li qed jirċevi mingħand ommu. Fir-rapport addizzjonali tiegħu maħluf fil-31 ta' Jannar, 1997, l-istess perit mediku, filwaqt li kkonferma l-konklużjonijiet fuq riportati,

kompla jżid li "issa Jon Paul Debattista jinsab aktar ċert li jibqa' jgħix hawn Malta ma' missieru speċjalment wara li nqalaw inċidenti ma' ommu s-sena l-oħra meta din ġiet iżżur Malta u ħebbet flimkien ma' ommha għal Caroline (it-tieni mara ta' missieru) u l-kuntatt bit-telefon kien ta' darba biss";

Illi huwa naturali li tarbija tinġibed aktar lejn dak il-ġenitur li jkun qed jieħu ħsiebha u huwa ukoll daqstant naturali li tarbija ma tkunx tixtieq li toqgħod tiġri minn post għal ieħor bħala riżultat ta' ċirkostanzi barra mill-kontroll tagħha - e.g. is-separazzjoni tal-ġenituri. Insibu għalhekk li anke f'okkażjoni oħra, l-istess Jon Paul, ma xtaqx jiġi hawn Malta u qal lill-ommu li jrid ikompli jabita magħha l-Ingilterra. Iżda fl-interess tal-minuri, il-Qorti trid tħares lejn iċ-ċirkostanzi kollha tat-trobbija tiegħu u minn dak li rriżulta quddiemha jidher li l-istess Jon Paul jinsab aktar kuntent hawn Malta taħt il-kura u kustodja ta' missieru, l-attur u anke aċċetta lit-tieni mara ta' missieru b'mod li saħansitra anke jsejħilha *mum*;

Illi għal kuntrarju jidher li Jon Paul ma jridx jirritorna l-Ingilterra biex jabita ma' ommu. Inoltre, il-konvenuta, għalkemm ċertament tħobb lill-istess binha, jidher li din għandha tendenza li twarrab l-interessi ta' uliedha meta jkollha relazzjonijiet ma' terzi persuni;

Illi, minħabba dawn il-konsiderazzjonijiet, u konformament mal-parir ta' l-espert psikjatriku, din il-Qorti sejra tilqa' t-talba attriċi billi tvarja l-klawsola numru 2 tal-kuntratt ta' separazzjoni fis-sens biss li tordna li l-minuri Jon Paul għandu jabita hawn Malta ma' missieru, filwaqt li tikkonferma l-provvediment tal-*joint custody* li jisemma' fl-istess kuntratt billi ma jidhirx li hemm raġunijiet validi biżżejjed sabiex il-konvenuta tiġi pprivata minn dan id-dritt ukoll;

Illi dan stabbilit, din il-Qorti tħoss li ġaladarba issa l-konvenuta jkollha tiġi hawn Malta biex tara lil binha, u b'dan il-mod ser tinkorri fi spejjeż żejda li ma kinux ikkontemplati meta ġie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni, sejra tordna li l-attur għandu jiddepożita fir-reġistru ta' din il-Qorti, kull l-ewwel tas-sena u dan sakemm Jon Paul isir maġġorenni, is-somma ta' ħames mitt lira Maltija (Lm500) f'isem l-istess konvenuta u liema somma jew parti minnha tkun tista' tiġi żbankata liberalment mill-konvenuta wara li turi riċevuti ta' spejjeż li tkun għamlet in konnessjoni mal-vjaġġi tagħha lejn Malta;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti tipprovdi minn din il-vertenza billi, fl-ewwel lok, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talba attriċi billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tal-klawsola numru tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni tas-6 ta' April, 1993, ippubblikat min-Nutar Marco Burlò, fejn jingħad li qed tingħata *joint custody* lill-ġenituri tal-minuri Jon Paul Debattista, tordna li dan l-istess Jon Paul jabita hawn Malta ma' missieru l-attur u dana bid-dritt ta' aċċess liberu tal-konvenuta, u in vista ta' l-ispejjeż żejda li ser tinkorri l-konvenuta minħabba dan it-tibdil fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt, liema spejjeż ma kinux kontemplati fl-imsemmi kuntratt, tordna ukoll li fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar 1998 u hekk kull l-ewwel ġimgħa ta' kull sena sussegwenti sakemm l-istess Jon Paul isir maġġorenni, l-attur għandu jiddepożita fir-reġistru ta' din il-Qorti, favur il-konvenuta, u liberalment ritirabbli minnha fuq sempliċi rikors kif ingħad, u għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, is-somma ta' ħames mitt lira Maltija (Lm500) biex tagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż;

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.

---